st jeanne antide foundation

# SJA FOUNDATION

# Friendship Group

**L-għan ewlieni ta` dan il-grupp fi ħdan s-"St. Jean Antide Foundation" huwa proprju wieħed li jilħaq lil emarġinat, lill-imwarrab, lill-minsi.**




***Fil-ħabs***: Rajna illi fost l-iżjed nies illi jħossuhom esklużi mis-soċjetà huma dawk illi jinsabu ġewwa l-Faċilità Korrettiva ta` Kordin. Dawn il-persuni għandhom bżonn tà ħafna mħabba, ta` min jifhimhom, ta' kompassjoni, u ta' min jismagħhom u jagħtihom il-kuraġġ li jaffrontaw iż-żmien illi fadlilhom iqattgħu bħala reklużi, bil-fidi, bil-persistenza, u bit-tama. B'hekk, kif jerġgħu jsibu rwieħhom lura fis-soċjetà, ikollhom il-forza joqgħodu l-bogħod mill-ħażen u mit-tfixkil.

Bħala "Friendship Team", aħna nagħmlu dawn iż-żjajjar darba fix-xahar, fejn flimkien inqattgħu bejn siegħa u siegħa u nofs nitkellmu magħhom, nisimuhom, u xi ċajta bejnietna ma tonqosx ukoll

***Fil-komunità***: Aħna naħdmu wkoll ma' anzjani illi fl-imgħoddi taw l-enerġija kollha tagħhom biex rabbew familja u ħadu ħsieb ħaddieħor; issa li m'għadx jistgħu jkomplu jikkontribwixxu bħal qabel, iħossuhom imwarrba u minsija. Dawn l-anzjani ibatu għax iqattgħu jum wara l-ieħor fis-solitudni u fid-dwejjaq.

Il-vuċi tagħhom tidwi: "Fejn hu ibni illi tant batejt u stinkajt għalih biex jaqbad karriera tajba?" "Fejn hi binti illi tant ssagrifikajt ruħi għalija biex ikollha futur aħjar minn tiegħi?"

Bħala "Friendship Team" ġie fdat lilna numru sabiħ ta` anzjani illi jgħixu weħidhom, u kull membru qiegħed jżomm kuntatt ma xi 2 jew 3 minnhom. Dan isir permezz tat-telefon jew żjajjar tant appezzati.




***Bħalek,aħna wkoll għandna l-impenji tagħna mal-familja u tax-xogħol. Madanakollu, nħossu illi dik is-siegħa illi nagħtu lil Alla illi jinsab f'dik il-persuna illi tant għandha bżonn ta` ħabib veru, tiswa mitqlu deheb.***

***Barra minn hekk, il-ferħ illi jagħtik Alla wara li tkun ħabbejt b'dan il-mod, jissupera bil-kbir kull sagrifiċċju.***